MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

| | |
|---|---|
| Referenza: | Minuti tas-Seduta 38/K6/2012 |
| Data: | It-Tlieta, 27 ta' Marzu 2012 |
| Post: | Ufficcju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 17.30 pm |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sindku : | Dott. Clifton Grima |
| | Il-Vici Sindku: | Sinjorina Margaret Baldacchino |
| | Il-Kunsilliera: | Sur Emanuel Brincat |
| | | Dott. Carmelo Grima |
| | | Sur Matthew Agius |
| | | Sur Emanuel Abela |
| | | Sur Charles Selvaggi |
| | Is-Segretarju Ezekuttiv: | Sur Matthew Dimech |

AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li ġie publikat nhar il-Gimgħa 23 ta' Marzu 2012. L-Aġenda kienet taqra hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 37/K6/2011.
2. Materji mill-Minuti.
3. Korrispondenza.
4. Minuti mill-Laqgħa Annwali Generali.
5. Minuti mill-Kumitat Amministrattiv Swatar.
6. Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet.
7. Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto-Kumitati.
8. Affarijiet ohra jekk urġenti.
9. Aġġornament.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Seduta Nru 38/K6/2012

Punt 1 Approvazzjoni tal-Minuti.

1539. Is-Sindku ressaq il-minuti għall-approvazzjoni.

1540. E Abela qal illi minflok il-kliem 'Il-Kunsill qabel ukoll illi' fit-tieni paragrafu ta' minuta 1523, isir il-kliem 'E Abela ssuġerixxa li'.

1541. Il-minuti ġew issekondati min C Selvaggi. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

Punt 2 Materji mill-Minuti

1542. C Selvaggi saqsa kienx hemm żviluppi fuq minuta 1511, is-Segretarju qal li bgħat ittra lil Casalinga iżda għadu ma rċieva l-ebda risposta. Il-Kunsill qabel li issir telefonata u tiġi spjegata il-materja.

1543. Dwar minuta 1512, is-Segretarju qal li t-Tnejn ser issir laqgħa oħra mal-Avukat fejn umbgħad jista jibda il-proċess ta' ġbir ta' karozzi abbandunati.

1544. Dwar minuta 1517, Dott. Grima saqsa jekk il-*platform* tal-konkos għal *bring in site* fi triq l-Irmiġġ saritx. Is-Segretarju wieġeb fin-negattiv, iżda qal li l-ordni ta' xogħol min naħa tiegħu kienet diġa ħarġet.

1545. Dwar minuta 1518, E Abela qal illi d-Dipartiment tal-Anzjani ma jistax joħroġ fondi biex ikun hawn servizz ta' trasport għad-*Day Centre*. Il-Kunsill ma qabilx illi dan is-servizz jista jiġi finanzjat mill-fondi tal-Kunsill. Fuq nota differenti, E Brincat qal illi ma hix proċedura effiċjenti dik li qed tintuża bħalissa mis-Sotto Kumitat tal-Anzjani, fejn wara li timtela xarabank, noqgħodu nżommu nies oħra fuq *waiting list* sakemm jimtela van. E Abela ma qabilx.

1546. Dwar minuta 1522, is-Sindku saqsa kienx hemm progress. Is-Segretarju qal li l-kumpanija talbet lill-Kunsill jidentifika tmien postijiet għal dawn ir-ritratti:

Il-Kunsill qabel li dawn il-postijiet ikunu:

- Il-Knisja Parrokjali min gewwa
- Iċ-Centru Civiku
- Il-Gnien ta' quddiem l-Għassa
- Il-Marina u Misraħ San Guzepp
- L-Universita
- Il-Kulegg G.F. Abela
- Il-Gnien tas-Swatar
- Il-Knisja iz-Zgħira
- L-Għajn tal-Ħassellin

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

1547. Dwar minuta 1523, is-Sindku qal li ħarġu *call for quotations* u li din tgħalaq nhar il-Gimgħa. Is-Sindku qal li għandu jiltaqa' ma tal-GreenMT u jinfurmom illi avolja huwa ikkuntrattati magħna, il-kumpanija GreenPak qegħdin joffru tqassim ta' boroż griżi b'xejn lir-residenti tal-Imsida għal ħames xhur. Il-Kunsill qabel li l-kuntratt mal-GreenMT jiġi verifikat, u speċifikament jiġi identifikat jekk hemmx *exclussivity clause*.

Dott. Grima qal li minħabba raġunijiet varji ma setgħax ilaqqa' s-Sotto-Kumitat tal-Indafa biex jfassal pjan ta' ħidma kontra l-abbuż fir-rimi ta' skart u aktar ġbir ta' skart riċiklabbli.

1548. Dwar minuta 1526, E Brincat saqa jekk is-Segretarju tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar applikax ma' Transport Malta għal tibdil fl-immanigjar tat-traffiku. Ic-*Chairperson* tal-Kumitat ikkonfermat fil-pozittiv.

1549. Dwar minuta 1535, E Brincat qal li l-ħamrija tqegħdet fi Triq Balliju Guttenberg u inżeraw is-sigar.

1550. Dwar minuta 1536, dwar il-proċess għall-għażla ta' skrivan/a, is-Sindku qal li llum stess fil-17.00 ltaqa' s-Sotto-Kumitat, fejn preżenti kien hemm hu bħala Cermen, M Baldacchino u C Selvaggi.

Il-Kumitat għamel intervista lill-kandidata waħda biss. Dan għaliex fil-*Part 2*, hija biss kellha l-esperjenza f'Kunsill ieħor. Is-Sindku qal li l-Kumitat ikkonkluda li din il-persuna hija *overqualified*. C Selvaggi ma qabilx, u qal li l-Kumitat qabel li nżommu din il-persuna *on hold* biex tkun tista tiġi mqabbla ma persuni oħra fil-*Part 3*.

Is-Sindku issospenda l-laqgħa. Ħin: 18.35
Il-laqgħa kompliet. Ħin: 18.45

Dott. Grima ma qabilx mal-konkluzjonijiet msemmija, u jekk din il-persuna hija kwalifikata, mela għanda tintgħażel.

Is-Sindku issospenda l-laqgħa, sabiex fil-preżenza tal-Perit jiġu diskussi xi materji li inqalgħu fl-aħħar laqgħat. Ħin: 18.48
Is-Sindku ħareġ mill-laqgħa. Ħin: 18.48

Is-Segretarju qal li ser ikollu jispjega hu fin-nuqqas ta' preżenza tas-Sindku. Is-Segretarju qal li l-punt li ried iqajjem il-Kunsill kien dwar pagament mill-Perit fejn talli sar xogħol ta' sorveljanza waqt xogħlijiet fi Triq Principesa Margerita, l-Perit bagħat kont ibbażat fuq ir-rata ta' perizja ta' 1.9%. Is-Segretarju informa lill-Perit li dan ma hux skond il-kuntratt, fejn il-kuntratt ma jaspeċifikax li ta' xogħol ta' sorveljanza, l-Perit għandu jitħallas bir-rata. Il-Perit qabel ma din l-interpretazzjoni, u stieden is-Segretarju jikkonkludu din il-materja fil-jiem li ġejjin u li l-kumpens ta' xogħol ta' sorveljanza ikun skond kif jaħseb l-aħjar il-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Is-Sindku daħal fil-laqgħa. Ħin:18.57

1551. Il-Kunsill reġa iddiskuta l-materja li għada pendenti dwar minuta 1536. Is-Sindku issuġerixxa li nitolbu lill-ETC jekk il-Kunsill jistgħax iżomm lil din il-persuna *on hold* filwaqt li nqabbluha ma persuna oħra fuq *Part 3*. Jekk ma nistgħux, inlaqqaw lill-Kunsill b'emergenza biex nitroċedu. Il-Kunsill qabel.

1552. M Agius daħal fil-laqgħa. Ħin:19.09

## Punt 3 Korrispondenza

1553. 0297 – Is-Sindku qara l-ittra mir-residenti ta' *Europa Flats* fi Triq Victor Denaro, fejn dawn ir-residenti qegħdin jallegaw li saritilhom ħsara mal-faċċata u li ma sarx qatran adekwat, meta il-Kunsill għamel ix-xogħlijiet ta' bankini ġodda fi Triq Victor Denaro. Il-Kunsill qabel li isiru t-tiswijiet neċessarji għas-spejjes tal-kuntrattur.

1554. 0245 – Is-Segretarju spjega li s-Segretarjat tal-Ministru Said għaddew kopja ta' petizzjoni li oriġinarjament intbgħatet lill-Ministru Austin Gatt. Din il-petizjoni hija dwar l-istat tad-Daħla fi Triq Reġjonali l-Imsida. Il-Kunsill qabel illi din hija responsabbilta' ta' Transport Malta peress illi din it-triq qatt ma saret.

M Baldacchino proponiet li fejn jeżistu dawn it-toroq ġewwa l-Imsida, isiru tabelli li jindikaw illi dawn it-toroq huma responsabilta ta' Transport Malta.

Is-Sindku propona ukoll illi malli jeħlu t-tabelli, r-residenti tat-toroq konċernati jiġu nfurmati b'ittra illi l-ewwel darba li ssir triq, dik tkun dejjem responsabilta' ta' Transport Malta.

M Agius u Dott. Grima ma qablux li għandhom isiru dawn it-tabelli.

Is-Sindku sejjaħ għal vot fuq jekk għandhomx isiru t-tabelli msemmija.

Favur: Is-Sindku, M Baldacchino Cefai, E Brincat u E Abela
Kontra: Dott. Grima, C Selvaggi u M Agius

## Punt 5 Minuti mill-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar

1555. Ic-*Chairperson* qalet illi fil-5 ta' Mejju ser issir il-festa tas-Swatar. Hija qalet li f'din l-okkażjoni ser tingħata tifkira ta' Gieħ is-Swatar.

1556. Ic-*Chairperson* qalet ukoll illi membru tal-Kumitat ser iġib lista ta' bankini fis-Swatar li għandhom bżonn manutenzjoni.

## Punt 4 Materji mill-Minuti tal-Laqgħa Generali Annwali

1557. E Brincat qal illi l-ilmenti fuq Triq G Mitrovich huwa raġonevoli u qal li l-Kunsill għandu jgħamel bankina ġdida quddiem id-djar u *patching* estensiv fit-triq.

Is-Sindku qal illi sadattant, niktbu lill-Transport Malta fejn ninfurmawhom illi din it-triq hija mkissra sew, u li għaldaqstant tista issir minnhom.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Il-Kunsill qabel li din id-deċizjoni tittieħed il-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

Punt 6 Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet

1558. Is-Sindku preżenta l-lista ta' pagamenti tal-kontijiet b'riferenza 34/K6/2012.

1559. Is-Segretarju talab lill-Kunsill ma japprovax pagament numru 17 sakemm ARMS Ltd. jinfurmawna għaliex qed jintbgħat kont daqsekk għoli.

1560. Il-Kunsill approva l-pagamenti tal-kontijiet, ħlief pagament numru 17. Il-lista ġiet iffirmata mis-Sindku, Segretarju Eżekuttiv u żewġ Kunsilliera.

Punt 7 Minuti mill-Kumitati u Sotto-Kumitati

1561. Sotto-Kumitat dwar l-Iskall – M Agius qal li s-Sindku irrapporta d-dgħajjes li kienu tpoġġew fuq l-iskall illegalment.

M Agius qal li l-kumitat qabel illi kopja tar-reġistru tad-dgħajjes li jkunu fuq l-iskall tinżamm il-Kunsill. Huwa issuġerixxa ukoll illi jintbgħatu wardens fuq l-iskall sabiex jinżamm l-ordni.

Il-Kunsill qabel.

E Brincat qal il-*parking bays* fuq l-iskall għadom ma sarux għax id-Direttur tal-Għaqda tas-Sajjieda għadu ma indikalniex fejn għandhom jiġu.

Punt 8 Materji oħra jekk urġenti

1562. E Brincat qal illi l-Kunsill kien approva illi isir *embellishment* f'Misraħ San Gużepp. E Brincat issuġerixxa illi titqiegħed tabella fil-ġnien biex jintlaqgħu s-suġġerimenti tar-residenti fuq dan il-proġett.

E Brincat qal li hemm residenza fi Triq Innocenz Zammit li qed tintlaqat min xi trakkijiet. Huwa issuġerixxa li ssir bollard. Il-Kunsill qabel.

E Brincat fakkar biex issir il-lapida tas-Sindki qabel il-festa.

1563. Is-Segretarju qal lill-Kunsilliera illi l-kuntrattur tal-knis mhux josserva il-ħinijiet tax-xogħol kif stipulati fil-kuntratt. Il-Kunsill qabel li tintbgħat ittra fejn il-kuntrattur jiġi imwissi biex jimxi mal-kuntratt.

1564. Is-Sindku qal li għandna niktbu lill-kuntrattur tal-Kunsill biex ilesti Triq Victor Denaro mill-ġdid sal-20 ta' April 2012, la darba issa t-temp sar aktar favorevoli għax-xogħol.

1565. E Abela qal li Msida Circus għanda bżonn tinżebaħ. Huwa qal ukoll li Triq il-Kunċizzjoni (il-parti bil-madum) tista issir *No Entry* fis-sajf. Il-Kunsill ma qabilx. E Abela spjega ukoll illi hu ħa l-inizjattiva biex ifittex *sponsors* biex jiġi *finished* it-tieni sular taċ-Centru Civiku. Huwa qal li diġa sab *sponsor* għal madum, u li tal-Bank of Valletta ofrew il-ħaddiema biex jgħamlu dan ix-xogħol bla ebda ħlas. Il-

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Kunsill qabel li tinkiteb ittra lill-Maniġer tal-Bank of Valletta biex dan kollhu jitqiegħed fi ftehim. Il-Kunsill irringrazzja lill-E Abela tal-inizjattiva.

1566. M Agius qal li l-Gazebo fi Triq Victor Denaro għanda bżonn xi zebgħa u li hemm ammont ta' bozzoz fil-gnien maqtugħa. Is-Segretarju qal li dan ix-xogħol huwa diġa ordnat u ser isir daqt, peress li ser nduru il-ġonna kollha qabel is-sajf. M Agius talab ikun skużat għal laqgħa li jmiss mar-residenti u saqsa jekk ġiex approvat ix-xogħol ta' bankini mkissra quddiem l-Universita. Il-Kunsill approva dan ix-xogħol.

1567. Dott. Grima qal li hemm kanal quddiem id-dar tiegħu li jżomm il-ħmieġ u li dan jista jintradam bit-tarmac. Huwa qal ukoll illi fi Triq il-Wied hemm *central strip* li izzomm ħafna ilma tax-xita u li din tista tiġi msewwija. E Brincat qal li din responsabbilta' ta' Transport Malta.

1568. C Selvaggi qal li l-Kunsill għandu jinforma lill-Transport Malta jiżbgħu z-*zebra crossings* tagħhom u reġa fakkar biex titneħħa l-kaxxa safra quddiem *upholstery* fi Triq il-Harrub.

1569. Is-Sindku qal li għandna niġbru kwotazjoni kemm tiġi tiswa biex il-laqgħa tal-Kunsill tkun tista tiġi *live streamed*.

Punt 9 Aġġornament

1570. Il-Kunsill qabel illi l-laqgħa li jmiss issir nhar it-24 ta' April 2012 fil-17.30.

Approvati llum ____________________________________

Dott. Clifton Grima
Sindku

Matthew Dimech
Segretarju Ezekuttiv

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com